MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2011

Numru. 561/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**JOSEPH FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Farrugia, iben il-mejjet George u Mary Anne mwielda Zarb, imwieled l-Marsa fis-7 ta’ Marzu, 1949 joqghod 1, St Peter’s Flats. Flat 1, Triq l-Gharusa tal-Mosta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 237649(M).

Billi huwa akkuzat talli fil-31 ta’Jannar 2011 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew residenti permanenti ta’Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn

Malta, gbidt jew ippermettejt li jingibed xi ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indecenti ta'persuna ta'taht l-eta , jew qassamt jew urejt ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellek fil-pussess tieghek ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, *films*, *video recordings* jew xbiehat elettronici indicenti juru persuni taht l-eta' li ma kinux ghalqu d-disa' snin, u dan bi ksur ta'l-Artikoli 208 (A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Joseph Farrugia** hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 208A, 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal **sentejn (2) prigunerija sospiza ghal erba' (4) snin.** In oltre', tqieghedu taht *Supervision Suspended Order* ghall-perjodu ta' sentejn (2) taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat. Illi, in oltre', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht *Treatement Order*, taht il-psikologa Roberta Holland ghal perijodu ta' sentejn (2), b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Roberta Holland.

In oltre’, l-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-hard drives li kienu jikkontjenu l-materjal pronografiku illi gew elevati u ezebiti mill-prosekuzzjoni f’dawn l-atti.

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologa Roberta Holland.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fatt illi ghandu fedina penali nadifa netta u in vista tal-rezultanzi tar-rapport Dok.TZ mill-Pulizija tas-*Cyber Crime Unit* illi juru illi l-imputat kien mahkum b’mod sostanzjali ta’ dan il-vizzju mistkerr.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------